



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 36/24

CO EUR 30
PV/CO EUR 18

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 u 16 ta' Ottubru 2020)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2020, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jippubblikahom.

WERREJ

Paġna

1.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
2.	Adozzjoni tal-aġenda	3
3.	COVID-19	3
4.	Relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit	3
5.	Tibdil fil-klima	3
6.	Relazzjonijiet esterni	4
7.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	4

1. Skambju ta' fehmiel mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

2. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 16/20.

3. COVID-19

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-immaniġġar tal-pandemija tal-COVID-19, u pprovda gwida dwar l-isforz ġenerali ta' koordinazzjoni u l-ħidma fuq il-vaċċini. Huwa ddeċieda li jżomm il-kwistjoni taħt reviżjoni regolari.

4. Relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit. Huwa stieden lin-negozjatur ewlieni tal-Unjoni biex ikompli n-negozjati fil-ġimgħat li ġejjin, u appella lir-Renju Unit biex jieħu l-passi meħtieġa u jagħmilha possibbli li jintlaħaq qbil. Stieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tagħti konsiderazzjoni f'waqtha lill-miżuri ta' kontinġenza unilaterali u limitati fiż-żmien li huma fl-interess tal-UE.

5. Tibdil fil-klima

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-ambizzjoni klimatika tal-UE għall-2030. Huwa stieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq din l-aġenda u lill-Kummissjoni biex twettaq konsultazzjonijiet fil-fond mal-Istati Membri biex tivvaluta s-sitwazzjonijiet speċifiċi u biex tipprovdi aktar informazzjoni dwar l-impatt fil-livell tal-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru bil-ħsieb li jaqbel dwar mira ġdida għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 u l-preżentazzjoni tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali aġġornat (NDC) tal-UE lill-UNFCCC qabel tmiem is-sena.

6. Relazzjonijiet Esterni

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika qabel il-laqgħat politiċi li ġejjin mal-Unjoni Afrikana. Huwa talab lill-Kunsill biex iħejji approċċ komuni biex jitkomplew l-isforzi internazzjonali ta' serħan mid-dejn għall-pajjiżi Afrikani sal-aħħar ta' Novembru 2020.

Il-Kunsill Ewropew qabel li jorganizza diskussjoni strateġika dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru. Huwa indirizza wkoll il-Belarusja, it-Turkija u t-twaqqiġ tat-titjira MH17.

7. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 15/20.
